**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2015**

**Citazzjoni Nru: 953/2012 AF**

**Euro Hygene International Ltd (C25887) u Dennis Xuereb**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Euro Hygene International Limited u Dennis Xuereb li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Fit-12 ta' Settembru 2012 ir-rikorrenti Euro Hygene International Limited giet notifikata b'ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru 2012 mahruga fuq talba ta' l-intimat u interpellah *"sabiex fi zmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, thallsu l-ammont ta' tmien mija sitta u disghin elf seba' mija tnejn u erbghin Euro u sebgha u tletin centezmu (€896,742.37) rapprezentanti ammont dovut minnkom skont l-istess Att"*;

It-talba tal-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija infondata fil-fatt u fid-dritt u minhabba l-fatt li l-esponenti ma kienx notifikat bl-assessments ossia l-avviz li kellhom jintbaghtu skond il-ligi. Lanqas ma gie indikat lilu l-perjodu u ghal liema snin. Dan bil-konsegwenza li huwa qatt ma kellu l-opportunità li taghtih il-Ligi sabiex jikkontesta dan l-Avviz. Ghalhekk il-Kummissarju intimat ma jistax jipprocedi bl-ittra ufficjali kontrih, kif fil-fatt ghamel, qabel ma huwa jara li l-procedura li trid u tordna l-Ligi segwita skrupolozament;

Di più l-ammonti li l-intimat wasal ghalihom huma ammonti zbaljati ghax ibbazati fuq stejjem ossia stimi u mhux fuq il-fatt. Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti tilfet kuntratt kbir ta' xoghol bil-konsegwenza li n-negozju naqas sostanzjalment u xorta l-istimi u l-assessments hargu fuq introjtu li ma kienx jezisti;

Intalbet din il-Qorti biex:

Prevja kwalunkwe dikjarazzjoni, provvedimenti u ordnijiet necessarji u opportuni, tiddikjara li t-talba maghmula mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq il-Valur Mizjud fl-ittra ufficjali mahruga kontra l-esponenti u li ggib id-data 5 ta' Settembru 2012 fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud vs Euro Hygene International Limited u Dennis Xuereb (Ittra ufficjali numru 2738/2012) ma tiswiex u konsegwentement tali ittra ufficjali hija infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti u bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors promotur.

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) pprezentata fis-7 ta' Novembru 2012, fejn gie eccepit illi:

1. Fl-ewwel lok ir-rikors ma fihx ir-rekwiziti stabbiliti mill-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda min din l-Onorabbli Qorti ghas-segwenti ragunijiet.

3. Fit-28 ta' Marzu, 2012, kien intbaghat Avviz ta' Hlas flimkien ma' *Ledger Statement* jew Dikjarazzjoni tal-Kont fir-rigward tal-kont tas-socjetà rikorrenti (ara Dok. TVM1, Dok. TVM2 u Dok. TVM3) kemm lir-rikorrenti socjetà Euro Hugene International Litd, kif ukoll lir-rikorrenti Denix Xuereb, u dan lf-indirizzi li jidhru fid-*database* tar-Registry of Companies (ara. Dok. TVM4 u Dok. TVM5 rispettivament).

4. Fil-*Ledger Statement* (Dok. TVM3) hemm indikat l-*estimated tax*, il-penali u l-interessi dovuta;

5. Stante li s-socjetà rikorrenti naqqset milli tibghat id-denunzji skond il-ligi ghal perjodu li jibda fl-1 ta' Dicembru 2009 sallum, l-esponent kien hareg '*estimates*', u dan kif jidher minn Dok. TVM3, izda mhux '*assessments*' u l-istess '*estimates*' jigu sostitwiti bid-denunzi tas-socjetà rikorrenti fl-eventwalità li din taghzel li tottempera ruhha mal-ligi u tibghat l-istess;

6. Dan b'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti annessi mal-istess risposta tal-intimat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tal-intimat dwar l-istess ewwel eccezzjoni.

Rat li l-kawza giet mhollija ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Rat l-atti tal-kawza.

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimat tghid hekk:

"*Illi fl-ewwel lok ir-rikors ma fihx ir-rekwiziti stabbiliti mill-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*".

L-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiprovdi r-rekwiziti tal-kontenut ta' rikors guramentat:

*"156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.*

*Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil- kawża.".*

*(2) Flimkien mar-rikors ġuramentat għandhom jinġiebu d-dokumenti meħtieġa biex isaħħu t-talba.*

*(3) Ir-rikors ġuramentat għandu jiġi konfermat bil-ġurament quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament.*

*(4) L-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar*

*kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom.*

*(5) omissis"*.

Fl-eccezzjoni tieghu, l-intimat mhuwiex jindika liema wiehed minn dan ir-rekwiziti, skond hu, huma nieqsa fir-rikors.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, ir-rikorrenti jindikaw illi r-rikors huwa bazat fuq l-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Min-naha l-ohra l-intimat jikkontendi fin-nota responsiva tieghu illi ir-rikorrenti ma jistghux jinvokaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 izda kellhom jimxu skond il-procedura stabbilita mill-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu jsostni li l-procedura kontemplata fl-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 ma tapplikax sabiex tigi kontestata l-ittra ufficjali msemmija fir-rikors.

Il-Qorti tinnota li l-ewwel eccezzjoni preliminari mressqa mill-intimat hija limitata unikament ghar-rekwiziti tal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12, li jirregola r-rekwiziti tar-rikors guramentat. L-eccezzjoni imressqa mill-intimat ma tirrigwardax l-irritwalità tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti jew l-improponibilità taghha ghalkemm l-intimat jaghmel referenza ghal dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu.

Il-Qorti la tista tirricerka minn jeddha fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet u lanqas tista' tassumi tali fatti fid-decizjoni taghha li tiddikjara ruhha dwar eccezzjoni li ma tkunx giet espressament dedotta.

Dwar dan, il-Qorti tirrileva li r-regola generali hija li l-eccezzjonijiet kollha sew dilatorji kif ukoll dawk dwar il-meritu ghandhom jinghataw permezz tal-procedura ta' risposta fil-bidu tal-kawza jew, matul il-procediment, jekk ikun hemm ragunijiet validi li l-Qorti tkun sodisfatta minnhom hlief ghal dawk l-eccezzjonijiet li jkunu jistghu jinghataw f'kull waqt tal-procedimenti, jew ghall-eccezzjonijiet li jinqalghu waqt il-kawza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Angelo Montebello vs Stratford Company Limited et** (P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2007)

fejn inghad li ladarba eccezzjoni ma tressqitx fin-nota ta' eccezzjonijiet dan ifisser li proprjament lanqas ma ghandha tigi kkunsidrata u dan peress li ma hemm l-ebda dubju li tali difiza ghandha tohrog min-nota ta' eccezzjonijiet jew illum mir-risposta guramentata u dan anke fuq l-iskorta ta' gurisprudenza konstanti nkluza dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kaz **Vincent Camilleri vs Gaetana Aquilina** (A.C. – 16 ta' Marzu 2004); u **Bank of Valletta plc vs Abbazia Company Ltd** (A.I.C (RCP) – 5 ta' Mejju 2011).

Fil-kawza fl-ismijiet **M. C. Zammit Tabona et vs Emmanuele Borg**" (App. Civ. dec. fis-7 ta' Frar 1966) gie stabbilit awtorevolment li:

> *"L-artikolu 158 tal-Kodici tal- Organizzazzjoni u tal-Procedura Civili ghandu jfisser li l- eccezzjonijiet kollha, tant ritwali kemm fil-mertu, li ghalihom fuq il-fatti maghrufa hemm lok, ghandhom jinghataw mill-ewwel fin-nota tal-eccezzjonijiet."*

Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat fejn fiha saru sottomissjonijiet rigward in-natura tal-azzjoni proposta. Din il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' tali sottomissjonijiet billi dawn mhumiex sottomissjonijiet konsoni mal-ewwel eccezzjoni mressqa mill-intimat, li hija limitata ghar-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 156 tal-Kap 12 u xejn aktar. Tali sottomissjonijiet huwa effettivament forma ta' eccezzjoni ulterjuri li kellha titressaq b'mod formali u mhux f'nota ta' sottomissjonijiet. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Carmelo Vella vs Angelo Zahra** (PA 25.06.2009RCP) 'difizi jitressqu fir-risposta guramentata u mhux fin-nota ta' osservazzjonijiet jew nota ta' referenzi'.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-ewwel eccezzjoni, il-Qorti tirrileva li r-rikors promotur li ta bidu ghall-proceduri odjerni huwa rikors semplici b'dan li m'huwiex rikors guramentat. Huwa minnu li r-rikors promotur mhuwiex konformi mal-artikolu 156 tal-Kapitolu 12 primarjament ghaliex ma fihx it-twissija mehtiega skont il-ligi.

Dan il-kaz gie istitwit mir-rikorrenti a tenur tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, kif indikat minnhom fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, liema artikolu ma jirrekjedix rikors guramentat imma semplici rikors. Ghal din ir-raguni, ir-rikorrenti ma ghandux jigi censurat ghaliex ma mexiex mad-dettami tal-Art. 156 tal-Kap. 12, galadarba dan l-istess artikolu tal-ligi ma kienx japplika ghall-procedura minnu mibdija.

Din il-Qorti taghmilha cara li f'dan l-istadju mhijiex qeghda tqis jekk l-azzjoni kif proposta mir-rikorrenti hijiex siewja biex tikkontesta l-ittra ufficjali msemmija fir-rikors promutur tar-rikorrenti li huwa mertu ta' indagni ohra li ma tistax legittimament issir  a bazi tal-ewwel eccezzjoni kif imressqa mill-intimat.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddieciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u bl-ispejjez kontra tieghu.  Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-proceduri.

IMHALLEF

DEP/REG